KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – IT-TLIETA, 17 TA' MARZU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sna Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (skużata) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier (skużat) |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm quorum biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**16.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

16.1.1 Il-Kunsill irċieva żewġ emails tal-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Emanuel Zammit.

Il-Kunsill approva l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillieri.

**16.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

16.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (15) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Bernice Farrugia issekondat.

16.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 16.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

16.3.1 Ma kienx hemm.

## 16.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

16.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien talab laqgħa mal-Uffiċċjali ta' Infrastructure Malta dwar il-proġett ta' Triq il-Wied. Informa li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment minn resident li jirrisiedi fi Triq il-Wied dwar il-ħsieb biex titjieb l-infrastruttura tat-triq billi jiġu mplimentati *standard lanes* b'mod li d-disinn tat-triq tikkontrolla l-veloċità tas-sewwieqa b'40 km/hr. B'dan il-mod, kompla jgħid is-Sindku, tingħata prijorità lill-*pedestrian* u tkun inizzjattiva tajba li jitħawwlu ftit siġar fejn hu possibbli tul Triq il-Wied.

Is-Sindku kompla jgħid li din l-ideja kienet diskussa bejn xi residenti tal-madwar u skont l-istess resident jidhru li huma tal-istess fehma. Kompla billi qal li l-fatt li r-residenti tal-madwar tkellmu bejniethom u jidher li hemm qbil komuni, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar meta jiġi biex jitkellem mal-awtoritajiet, f'dan il-każ ma' Infrastructure Malta bħala l-*project owner.*

Is-Sindku kompla jgħid li l-proposta għandha tiġi studjata bis-serjetà għaliex disinn tajjeb jista jgħin biex nimminimizzaw l-inċidenti tat-traffiku u abbużi oħra bħal *overtaking* u speed eċċessiv, filwaqt li tingħata prijorità lill-*pedestrian* u jiġu mplimentati l-prinċipji ta' żoni ħodor urbani.

## 16.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

16.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk kenux tħassru l-attivitajiet soċjali ppjanati fl-immedjat inkluż l-laqgħa tal-lokalità li hija skedata għal April minħabba l-kriżi COVID-19.

Is-Sindku wieġeb li f'dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji, żgur li l-attivitajiet tal-massa jkollhom jiġu kkanċellati. Informa li kien ser jagħti aktar informazzjoni taħt l-item 16.9 fuq l-agenda.

16.5.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar il-bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar peress li għad hemm min qed jabbuża u jkun hemm taħlita ta' skart. Staqsa jekk il-Kunsill jistax jinvesti fi bring-in-sites?

Is-Sindku wieġeb li dan is-suġġett kien eżawrit f'waħda mis-seduti f'din il-leġiżlatura l-ġdida. Però kien hemm qbil li l-bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar jibqa jsir monitoraġġ matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin qabel ma l-istess Kunsill jerġa jtella dan l-item fuq l-agenda għad-diskussjoni.

16.5.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk il-Kunsill jistax jirċievi donazzjoni ta' palm biex jinżergħu f'xi qatgħa ħamrija li għandna fl-Iklin.

Is-Sindku wieġeb li għalkemm mhuwiex persuna teknika f'dan il-qasam, spjega li sa ftit tax-xhur ilu kienet għad teżisti d-diffikultà ta' Red Palm Weevil li kien għamel ħerba mill-Palm li kellna mħawwlin fl-Iklin.

Qal ukoll li qed ikollna talbiet simili għalkemm mhux regolari fejn residenti jkunu jridu jagħtu b'donazzjoni speċi differenti ta' xtieli biex jinżergħu f'xi qatgħa ħamrija fl-Iklin. Ikkonkluda li meta s-Segretarju Eżekuttiv talab il-parir lill-Kuntrattur tal-Kunsill dwar dawn it-talbiet, il-parir ma kienx wieħed favorevoli. Jirrakkomandaw li *soft landscaping* li nsibu fl-Iklin tkun responsabbiltà assoluta tal-kuntrattur fejn jidħol it-tħawwil, tisqija, u manutenzjoni.

16.5.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk kienx hemm idejat min-naħa tal-Kunsill dwar il-kuluri li jistgħu jiġu applikati dwar l-istruttura/għamara ta' librerija fl-Apert.

Is-Sindku wieġeb li għandhom jiġu applikati l-kuluri li nsibu fl-istemma tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

## 16.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

16.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-29 ta' Frar u s-16 ta' Marzu 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

16.6.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 465/20. Kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur ELC Ltd dwar it-tħawwil ta' *rosmarinus prostratus* u *laurus nobilis* fil-*planters* ta' Triq San Mikiel.

16.6.3 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 566/20. Periklu tan-nar (fire hazard) fl-*off-street parking* fi Triq Ġeronimo Abos k/m Triq Ċensu Bugeja. Sar rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' B'Kara biex tinvestiga.

**COMPLAINTS SHEET (29 Feb - 16 March 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 47 | 29/02/2020 | Resident minn Triq il-Luq qed jilmenta li meta jixgħel id-dawl ta' barra qed tinqata' s-*salva vita*. | pending | 2, Villa ghall-Kwiet, Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 48 | 02/03/2020 | Ilment dwar il-*bring in sites* ta' Triq in-Naxxar. Qed jintefa'kull tip ta' skart. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 49 | 02/03/2020 | Bozza maqtugħa fuq arblu fi Pjazza Ninu Cremona. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **CONTRACTOR** |
| 50 | 02/03/2020 | Id-dawl ta' Pjazza Ninu Cremona mhux jixgħel filgħaxija u qed ikun mixgħul matul il-ġurnata. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **ENEMALTA** |
| 51 | 03/03/2020 | Hemm siġar jgħattu l-bankina fi Triq il-Wied. | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 52 | 06/03/2020 | Hemm tappiera niżlet fi Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq Geronimo Abos | **W.S.C** |
| 53 | 06/03/2020 | Inġabar trab u ramel fi Triq Stefano Erardi c/w Triq Giovanni Curmi. | settled | Triq Stefano Erardi c/w Triq Giovanni Curmi | **COUNCIL** |
| 54 | 09/03/2020 | Talba biex tiżdied *cigarette ashtray* quddiem il-*warehouse* ta' stabbiliment tan-negozju fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 55 | 10/03/2020 | Rapport li arblu tad-dawl bil-wires qed jisparkjaw fi Triq ES Inglott (fil-bidu tat-triq) | settled | Triq ES Inglott | **ENEMALTA** |
| 56 | 10/03/2020 | Talba għal mera tat-traffiku fi Triq ir-Razzett l-Aħmar. | pending | Triq ir-Razzett l-Ahmar | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 57 | 10/03/2020 | Twaqqa' terrapien mad-dawra tar-*roundabout* ta' Ħal Lija quddiem stabbiliment tan-negozju. | closed (phoned Cleansing Dept.) | Triq in-Naxxar | **CLEANSING** |
| 58 | 16/03/2020 | Bankina u kurduna miksurin fi Triq il-Wied. Jidher li telgħet xi vettura goffa fuqha. | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |

## 16.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

16.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Godwin Catania.

16.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Kunsillieri Bernice Farrugia u Godwin Catania.

16.7.4 Imbagħad il-Kunsill ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni ta' xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

a. Tiġdid ta' SAGE Evolution mingħand il-fornitur ICT Solutions għall-prezz ta' Eur637.20c (VAT inkluż);
b. Kwotazzjoni għal provvista u tħawwil ta' (18) Laurus nobilis u (596) xitel tal-klin (rosemary shrub) fi Triq San Mikiel bħala parti mill-programm ta' tisbieħ mingħand il-kuntrattur ELC Ltd għall-prezz ta' Eur3,699.50c (VAT 0% rated);

Il-Kunsill approva *nem con*.

## 16 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

16.8.1 Ma kienx hemm.

## 16 .9 FESTA FJURI 2020.

16.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti fejn Malta bħal kumplament tad-dinja qed tesperjenza sitwazzjoni straordinarju bl-imxija tal-COVID-19, l-attività annwali 'Festa Fjuri' ser ikollha tiġi kkanċellata.

Dan għal raġunijiet ovvji li ma hemmx kontroll fuqhom u l-Kunsill bħal kull entità jew organizazzjoni oħra qed issegwi struzzjonijiet rigorużi mill-awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

16.9.2 Is-Sindku qal li se nkunu qed nitkellmu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali peress li l-Kunsill kien eliġibbli għal Eur7,000 biex tkun tista ssir din l-attività, bil-possibiltà li l-fondi għal din l-attività ma jintilfux u jkunu pparkeġġjati għas-sena d-dieħla.

16.9.3 Il-Kunsill se jkun qed jinnotifika lill-kumpannija ELC Ltd bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

16.9.4 Kien ukoll deċiż li jitla post fuq il-paġna tal-Kunsill biex niċċirkolaw din id-deċiżjoni.

## 16.10 KORSIJIET LIFELONG LERANING 2020-2021.

16.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Kunsillier Bernice Farrugia biex tagħti d-dettalji dwar din l-iskema.

16.10.2 Il-Kunsillier Farrugia infurmat li kienet tkellmet mas-Segretarju Eżekuttiv biex napplikaw minħabba *deadline* stabbilit mid-Diviżjoni.

Spjegat li l-ħsieb tagħha kien li l-Kunsill jagħżel korsijiet bażiċi bħal 'Basic digital photography', 'Creative Knitting', 'Ganutell' u 'Sewing basics'.

Il-Kunsillier Farrugia saħqet fuq il-punt li r-residenti tal-komunità għandna noffrulhom kull opportuntià ta' tagħlim kontinwu fil-lokalità tagħna. Żiedet tgħid li grazzi għad-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja, u Impjegabilità, il-Kunsill se jkun qed jikkollabora biex tgawdi minnu l-komunità.

16.10.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill kien u għadu qed jinvesti fis-Sala tal-Kunsill biex proprju nkunu nistgħu nipprovdu l-ispazju għal dan it-taħriġ. Matul din is-sena, il-Kunsill se jkunu qed ikompli bir-rinnovar biex is-Sala tal-Kunsill tkun mgħammra u attrezzata bl-apparat li jirriflettu ż-żminijiet ta' llum.

**16.11 ANZJANITÀ ATTIVA FIL-KOMUNITÀ**

16.11.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex tispjega l-proġett li ser jiġi mniedi bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin flimkien mall-Kunsill Ħal Balzan bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija tal-Gvern Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

16.11.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' rappreżentanza mill-Kunsill ta' Ħal Balzan nhar l-10 ta' Marzu biex jiġi kkordinat dan il-proġett. Spjegat li l-laqgħa kienet waħda kordjali fejn ġew diskussi punti importanti biex jiżviluppa dan il-programm.

Semmiet li fil-jiem li ġejjin, l-Aġenzija ser tkun qed tgħaddi abbozz ta' ftehim biex jigi ffirmat bejn il-partijiet kollha kkonċernati. Min-naħa tal-Kunsilli, l-applikazzjoni konġunta ser tkun qed issir flimkien bejn iż-żewġ Kunsilli sabiex jiġi stabbilit Active Ageing Centre. Kien maqbul li ser tintuża s-Sala tal-Kunsill Lokali L-Iklin u l-ispejjeż ser jinqasmu b'mod ugwali bejn iż-żewġ Kunsilli. Il-Viċi Sindku kompliet billi nfurmat li l-Kunsill ta' Ħal Balzan se jkun unikament responsabbli mill-organizazzjoni tat-trasport minn Ħal Balzan lejn l-Iklin u sintendi lura għal Ħal Balzan.

Il-proġett se jkun jikkonsisti fi tnax-il sessjoni fejn persuna kompetenti min-naħa tad-Dipartiment jippreżenta taħdita interessanti darba fil-ġimgħa fis-Sala tal-Kunsill. Fil-jiem li ġejjin ser tkun qed issir spezzjoni mill-Uffiċċjali tad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

16.11.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras faħħar din l-inizzjattiva li b'orgolju qal li dan se jkun l-ewwel ftehim lokali għal Malta fejn żewġ Kunsilli se jkunu qed jikkollaboraw mad-Dipartiment fuq dan il-proġett.

Fil-jiem li ġejjin, Il-Viċi Sindku ser tkun qed tikkordina l-loġistika flimkien mall-Kunsillier Briffa mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan biex jiżviluppaw id-dettalji tal-programm u eventwalment jiġi ffirmat il-ftehim.

## 16.12 PROPOSTA TA' DISINN GĦALL-PROĠETT TA' TRIQ IL-WIED

16.12.1 Kif informa fil-bidu ta' din is-seduta, is-Sindku Dr. Sciberras informa li kien tkellem mall-Perit biex issir spezzjoni fi Triq il-Wied bil-ħsieb li jiġi ppreparat disinn biex ikun diskuss waqt is-seduta li jmiss tal-Kunsill.

F'dan l-istadju, is-Sindku talab il-kummenti tal-Kunsillieri preżenti dwar il-proposta tad-disinn. *Nem con*.

Għaldaqstant kien deċiż li d-disinn jiġi ppreżentat fis-seduta li jmiss tal-Kunsill għad-diskussjoni biex immedjatament wara jkun jista jintbagħat lil Infrastructure Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

## 16.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

16.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' April 2020 fil-5.30 pm.

16.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' April 2020 fil-5.30 pm.

16.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.10 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |